RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa A 18**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqà nhar**
**l-Erbgħa 22 ta' Frar 2012 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna. Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Il-Profs. Anthony Grixti Soler | Viċi Chairperson |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 p.m.

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Ic-Chairperson, is-Sur Lino Pace Bonello f'isem il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù għadda l-kondoljonzi lill-familja ta' Stephanie Gatt.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A17**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 17 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Qari tal-Minuti A17



KUNSILL LOKALI RABAT

8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A17**

2.01 Saret korrezzjoni fuq minuta 6.01.1 u ġiet taqra hekk: *Korrezzjonijiet tal-Minuti A17*

"Is-Sur Lino Pace Bonello qal li l-Inġinier tal-Enemalta nkarigat minn dan ix-xogħol iltaqà miegħu 'on-site'. Is-Sur Pace Bonello spjegalu li hija x-xewqa tal-Kumitat Amministrattiv li jsir 'culvert' matul il-ġenb kollu ta' Villa Messina u li fiha jiġu mgħoddija s-servizzi tal-elettriku, tal-GO u l-Melita plc."

2.02 Is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti jiġu approvati hekk kif emendati. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel.

**3.00 Punti li joħorgu mil-Minuti A17** *Punti Mqajma*

3.01 5.02 - Is-Sur Lino Pace Bonello staqsa jekk saritx l-applikazzjoni mal-Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja jekk saritx din l-applikazzjoni. *Bozza ġdida fi Triq A Curmy*

3.02 5.03 - Is-Sur Lino Pace Bonello talab li tiġi ċċirkolata l-informazzjoni dwar din il-miżura bejn il-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv. *Miżura 125*

3.03 5.07 - Is-Sur Lino Pace Bonello ġibed l-attenzjoni li x-*Shooting Range* għadha qed topera. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tikkuntattja lill-*Enforcement Officer* tal-Mepa. *'Shooting Range'*

3.04 5.08 - Is-Sur Lino Pace Bonello staqsa meta ser jinqalgħu dawn is-siġar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkellem lill-avukat tal-Kunsill sabiex insibu s-sentenza tal-Qorti. Hija saħqet li kienet ser tibgħat ittra bl-avukat lil min żerahom fejn ninfurmawh li jekk ma jaqlahomx u jsewwi l-ħsara li kkaġunaw fuq il-bankina fi żmien stipulat, kien ser jaqlaqhom il-Kumitat Amministrattiv u jirranġa l-bankina a spejjeż tiegħu. Il-Kumitat qabel. *Siġar tal-ficus fi Triq Francesco Azopardi*

3.05 6.01.2 - Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat il-laqgħa li waqt il-laqgħa tal-Kunsill F38 ġie deċiż li jinġabru tlett stimi sabiex naraw kemm se jiġi jiswa biex isir dan il-culvert. Kif jinġabru t-tlett stimi, għandha terga' titla' Kunsill sabiex tittieħed deċizjoni finali skont l-istimi li jkunu nġabru. *Tneħħija ta' tlett arbli tad-dawl matul Triq il-Buskett*

3.06 7.00 - Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat il-laqgħa li l-Kunsill ħareġ din l-offerta, liema offerta ser tagħlaq fis-7 ta' Marzu 2012. Il-Kunsill għandu jaġġudikah waqt is-seduta tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2012. Progress dwar il-bankina fi Triq F Azopardi

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Is-Sna. Orietta Masini Cardona qrat imejl li rċeviet mingħand is-Sur Lino Pace Bonello.

Dwar punt numru 1, hija wieġbet li l-Kunsill ser jibgħat talba waħda lil Transport Malta dwar *it-traffic management plan* u li s'issa l-Kunsill għad m'għandux progress dwar dan. *Traffic Management Plan*

Dwar punt numru 2, hija wieġbet li kienet ikkuntattjat lill-perit tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-ħajt fi Triq Godwin Ganado. Hu nsista li l-Kunsill għandu jissottometti l-applikazzjoni mal-MEPA. Il-Kunsill minn naħa tiegħu nsista li peress li l-ħajt qed iżomm il-ħamrija, u l-għelieqi huma proprjetà tal-Gvern, m'hijiex fil-kompetenza tal-Kunsill li jissottometti din l-applikazzjoni. Għaldaqstant, ġejna nfurmati mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet, li kien ser jissottometti l-applikazzjoni l-perit tagħhom. Ħajt fi Triq Godwin Ganado

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Christopher Farrugia staqsa dwar il-possibilità li jintbgħat gwardjan lokali pajzan ħdejn l-iskola tal-Ursolini filgħodu kmieni peress li xi residenti qed joħorġu l-kelb tagħhom iħammeġ fuq din il-bankina. Ħmieġ tal-klieb

Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tressaqha waqt is-seduta tal-Kunsill.

**6.00 Riċerka dwar il-proprjetà nvoluta fil-proġett tal-Belvedere**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat il-laqgħa li kitbet lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġi stabbilit jekk il-proprjetà fejn qed jiġi propost li ssir estensjoni tagħha hijiex tal-Gvern jew tal-privat. Riċerka dwar il-proprjetà nvoluta fil-proġett tal-Belvedere

Is-Sur Lino Pace Bonello saħaq li ma kienx hemm għalfejn nitolbu nformazzjoni dwar din il-proprjetà kollha.

Gie deċiż li s-Sur Lino Pace Bonello jmur id-Dipartiment tal-Artijiet sabiex joħorġulu *site plan* ta' din l-area minn dan id-Dipartiment stess. Dan sabiex jekk toħroġ applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja nkunu diġà f'pożizzjoni li napplikaw għaliha.

**7.00 Komunikazzjoni mill-membri**

7.01 Is-Sur Lino Pace Bonello ġibed l-attenzjoni li hemm siġra tal-kappar fi Triq Godwin Ganado mal-ħajt tas-Seminarju li għandha bzonn tinżabar. Żbir ta' siġra tal-kappar

7.02 Is-Sur Lino Pace Bonello rega' qajjem il-fatt li hemm bżonn li jitnaddaf taħt il-Belvedere. Għaldaqstant, il-Kumitat qabel li għandha terga' tintbgħat 'reminder' lid-Dipartiment tal-Artijiet. Tindif taħt il-belvedere

**8.00 Aġġornament**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu 2012 fis-6.30 p.m. Aġġornament

8.02 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**